Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 134 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Uffiċċji ta' Professjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Uffiċċji ta' Professjonijiet.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha f'kwalunkwe uffiċċju jew impriża jew parti minn impriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment f'impjieg f'xi wieħed mill-uffiċċji jew stabbilimenti li ġejjin:

(a) trade unions inklużi assoċjazzjonijiet ta' karattru simili, uffiċċji ta' professjonisti u tan-negozju u assoċjazzjonijiet oħra ta' karattru simili;

(b) uffiċċji ta' periti, inġinieri, avukati, nutara pubbliċi, riċevituri tal-lottu, accountants, book-keepers, awdituri u konsulenti fi kwalunkwe fergħa tal-inġinerija, l-arkitettura, il-liġi u l-accounting;

(ċ) stabbilimenti ta' riċerka u ta' xjenza, għajr laboratorji annessi ma' sptarijiet privati;

(d) unitajiet ta' riċerka tas-suq, aġenziji ta' reklami, stabbilimenti li jirċievu fondi mill-pubbliku għal investiment f'unit trusts jew li jamministraw unit ta' trusts, għajr stabbilimenti li jmexxu negozju li jkun għalkollox jew prinċipalment negozju ta' assigurazzjoni:

Iżda dan l-ordni ma għandux japplika għall-impjegati li l-kumpens li jirċievu għax-xogħol huwa regolat b'tariffa stabbilita mil-liġi:

Iżda wkoll f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba l-kuntest tal-kliem ma jeħtieġx xort'oħra:

Kap. 452.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"chainman" tfisser impjegat li jaħdem għalkollox jew prinċipalment sabiex jassisti surveyor, li d-dmirijiet tiegħu jistgħu jinkludu l-issetjar ta' theodolite u t-teħid tal-qari meħuda minnu, iżda ma jinkludux l-ipplotjar;

"disinjatur" tfisser impjegat li jaħdem għalkollox jew prinċipalment fil-preparazzjoni ta' skiżżi oriġinali, fit-tpinġija ta' disinji minn fuq abbozzi ta' skiżżi, u fil-preparazzjoni ta' working drawings kompluti. L-inkarigi ta' disinjatur jistgħu jinkludu xogħol ta' stħarriġ fuq is-sit fuq barra u l-preparazzjoni ta' stimi taħt id-direzzjoni ta' perit, inġinier ċivili, inġinier mekkaniku, elettriku jew marittimu, jew ta' arkitett navali li jkollu l-kwalifiki neċessarji sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta

Kap. 252.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

Kap. 452.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ħinijiet normali ta' xogħol" tfisser il-ħinijiet ta' xogħol fil-ġimgħa li jkunu miftehma bejn il-prinċipal u l-impjegat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata tal-ħin li tapplika għall-impjegati;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata tal-ħin li tapplika għall-impjegati;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif

mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Kategorija 1" tinkludi charwoman jew fattiga, gwardjan, chainman, messaġġier, receptionist;

"Kategorija 2" tinkludi attendent tat-telefown jew operatur tat-telefown, xufier, printer;

"Kategorija 3" tinkludi skrivan jew skrivan tajpist, card puncher operator, tracer jew drawing office assistant, taker off, assistent ta' riċevitur tal-lottu;

"Kategorija 4" tinkludi shorthand typist, book-keeper jew accounts clerk, skrivan tal-liġi;

"Kategorija 5" tinkludi superviżur tas-sit, disinjatur, quantity surveyor assistant jew kalkulatur, surveyor tal-art, skrivan tax-xogħlijiet, artist, accountant, skrivan, skrivan tal-awditjar;

"Kategorija 6" tinkludi uffiċjali li għandhom setgħat eżekuttivi fi trade unions jew assoċjazzjonijiet;

"learner" tfisser persuna li mhix apprendista u li jkollha aktar minn erbatax (14)-il sena iżda taħt it-tmintax (18)-il sena u li tkun qiegħda tirċievi taħriġ f'xi sengħa li għaliha japplika dan l-ordni, u li dwarha l-prinċipal ikollu permess maħruġ skont l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ; Kap. 594.

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' nofs in-numru ta' sigħat ta' xogħol għal kull ġurnata;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lill-impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni; Kap. 594.

"perjodu ta' impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol; L.S. 452.87.

"quantity surveyor assistant jew kalkulatur" tfisser

impjegat li għalkollox jew prinċipalment jaħdem fil-preparazzjoni ta' stimi ta' xogħol taħt id-direzzjoni ta' perit u inġinier ċivili jew ta' kwalunkwe inġinier mekkaniku, tal-elettriku jew marittimu, jew quantity surveyor li għandu l-kwalifiki neċessarji sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu f'Malta;

"skrivan tal-liġi" tfisser persuna li mhux gradwata li hija impjegata sabiex tassisti avukat, nutar pubbliku jew prokuratur legali fil-formulazzjoni ta' atti jew verbali ta' kuntratti, jew notamenti fir-Reġistru Pubbliku, tagħmel riċerki fir-Reġistru Pubbliku, iżżomm l-appuntamenti, tieħu nota tad-differimenti tal-Qorti u b'mod ieħor tgħin lill-prinċipal fix-xogħol tiegħu;

"site supervisor" tfisser impjegat li jassisti perit, inġinier ċivili jew kwalunkwe inġinier ieħor awtorizzat sabiex jipprattika f'Malta fis-superviżjoni tal-progress tax-xogħol fuq is-sit; "surveyor" tfisser impjegat li jaħdem għalkollox jew prinċipalment billi jagħmel stħarriġ ta' artijiet u siti għall-iskopijiet ta' bini u inġinerija ċivili;

"taker off" tfisser impjegat li jassisti quantity surveyor assistant jew kalkulatur fix-xogħol tiegħu u jieħu l-qisien minn fuq is-sit tax-xogħol jew minn fuq disinji fuq skala, iżda ma jagħmilx kalkoli;

"tracer jew drawing office assistant" tfisser impjegat li jaħdem għalkollox jew prinċipalment fl-ikkopjar ta' disinji jew partijiet magħmula minn disinjatur billi jittraċċahom bil-linka jew bil-lapes fuq karta trasparenti, jew kanvas, bl-użu ta' T Squares, kumpassi, pinen u strumenti oħra tad-disinn.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Ir-rata minima tal-paga fil-ġimgħa għandha tkun relattiva għal:

(a) mhux iżjed minn erbgħin (40) siegħa xogħol, ħlief fil-każ ta' għassiesa; jew

(b) mhux iżjed minn sittin (60) siegħa xogħol mifruxa fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem, fil-każ ta' għassiesa.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. L-impjegati whole-time ma għandhomx jitħallsu inqas mill-pagi fil-gimgħa li ġejjin:

KATEGORIJA 1

għassiesa	€344.16
impjegati oħra	€229.44

KATEGORIJA 2

Mal-impjieg	€230.02

KATEGORIJA 3

Matul l-ewwel, it-tieni u t-tielet sena ta' impjieg fil-kategorija	€231.19
Matul ir-raba' u s-snin sussegwenti ta' impjieg fil-kategorija	€233.52

KATEGORIJA 4

Matul l-ewwel, it-tieni u t-tielet sena ta' impjieg fil-kategorija	€232.35
Matul ir-raba' u s-snin ta' wara ta' impieg fil-kategorija	€234.68

KATEGORIJA 5

Matul l-ewwel, it-tieni u t-tielet sena ta' impieg fil-kategorija	€235.85
Matul ir-raba' u s-snin sussegwenti ta' impjieg fil-kategorija	€238.18

KATEGORIJA 6

Matul l-ewwel sena ta' impjieg fil-kategorija	€240.51
Matul it-tieni sena ta' impjieg fil-kategorija	€245.16
Matul it-tielet sena u s-snin sussegwenti ta' impjieg fil-kategorija	€249.92.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

B 1396

Il-mistrieħ minimu fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

6. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ir-rati minimi ta' sahra.

7. Fil-każ ta' impjegati whole-time is-sahra għandha titħallas bir-rati li ġejjin:

(a) f'kwalunkwe ġimgħa, għall-ħin kollu maħdum barra l-ħinijiet normali tax-xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa, eskluża kwalunkwe sahra mħallsa skont id-dispożizzjonijiet sussegwenti	ħin u nofs;
(b) għal kwalunkwe ħin kollu maħdum fil-ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa u fil-festi tas-soltu	ħin doppju;

(ċ) l-impjegati fil-kategorija 6 għandhom ikunu meħtieġa jaħdmu ħin barra l-ħinijiet normali tax-xogħol skont l-esiġenzi tal-impjieg tagħhom mingħajr ħlas.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

8. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

Kap. 318.

9. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin (20) jum leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għall-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(3) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin (20) jum ta' xogħol ulterjuri leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba leave għal mard.

(5) Id-dritt ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

B 1398

Tipi ta' leave oħra.
L.S. 452.101.

10. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'kwalunkwe regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi.
L.S. 452.29.
L.S. 452.39.

11. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għall-Uffiċċji ta' Professjonijiet u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Uffiċċji ta' Professjonijiet biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.